# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 ta' Dicembru, 2016.**

**Rikors Numru 69/1999 SM**

**Randolph Cauchi**

**vs.**

***Arvin Construction Limited***

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata t-12 ta' Jannar, 1999, li permezz taghha l-attur sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi ghandu jircievi s-somma ta' tmint elef, mitejn u erba' u hamsin Lira Maltin, u tmienja u sittin centezmu, (Lm8,254.68), minghand is-socjeta` konvenuta, bilanc minn somma akbar ghal xogholijiet ta' kostruzzjoni minnu maghmula fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta fid-*Domestica Showroom*, *f'Valley Road*, l-Imsida;

1.2. Illi *nonostante* li interpellata biex thallas l-imsemmi bilanc, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

1.3. Illi ghalhekk aderixxa din il-qorti biex is-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.3.1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm8,254.68;

1.3.2. Bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficcjali tal-11 ta' Jannar, 1999;

1.3.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni;

2.0. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess citazzjoni li permezz taghha l-istess attur specifika s-segwenti: (ara foll 3)

2.1. Illi kien inkarigat mis-socjeta` konvenuta biex jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond fuq gia` indikat;

2.2. Illi ghad fadallu jithallas l-ammont fuq indikat ghax-xogholijiet li kien esegwixxa;

2.3. Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta tammetti li l-ammont *de quo* hu minnha dovut lill-attur, pero` qed tirrifjuta li thallsu l-istess ammont;

2.4. Illi ghalhekk kellha tigi intavolata l-procedura odjerna;

3.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Marzu, 1999, li permezz taghha s-socjeta` konvenuta eccepiet is-segwenti: (ara foll 7);

3.1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati;

3.2. Illi x-xogholijiet li s-socjeta` konvenuta inkarigat lill-attur biex jesegwixxi ma gewx minnu esegwiti skont is-sengha u l-arti;

3.3. Illi *di piu`*, l-istess xogholijiet ma tlestewx fil-hinijiet pattwiti, *stante* li l-attur irrizulta li kien tardiv;

3.4. Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta soffriet danni kbar;

3.5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

4. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota tal-eccezzjonijiet fuq riferita li permezz taghha s-socjeta` konvenuta essenzjalment irrepetiet il-lanjanzi minnha gia` esposti fl-imsemmija nota taghha, (ara foll 8);

5.0. Rat li s-socjeta` konvenuta pprevaliet ruhha mill-istess nota tal-eccezzjonijiet taghha u intavolat kontro-talba li permezz taghha ppremettiet is-segwenti: (ara foll 9)

5.1. Illi inghatat kuntratt ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni mis-sidien tad-*Domestika Showroom*;

5.2. Illi sussegwentement is-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti s-sub-appaltat lill-attur biex jesegwixxi l-istess xogholijiet;

5.3. Illi l-attur rikonvenzjonat m'esegwiex ix-xogholijiet skont is-sengha u l-arti;

5.4. Illi *di piu`*, kien wkoll tardiv;

5.5. Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti soffriet danni ingenti;

5.6. Illi ghalhekk usufruwiet ruhha minn din il-procedura u intavolat is-segwenti talbiet biex il-qorti:

5.6.1. Tiddeciedi li l-attur rikonvenzjonat kien responsabbli ghad-danni minnha sofferti;

5.6.2. Tillikwida d-danni minnha sofferti;

5.6.3. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas d-danni hekk likwidati fi zmien stabilit mill-qorti;

5.6.4. Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat u bl-interessi skont il-ligi;

6. Rat id-dikjarazzjoni ulterjarment guramentata tas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti li semplicement ikkonfermat is-suespost, (ara foll 10);

7.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti datata l-25 ta' Marzu, 1999, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti: (ara foll 11)

7.1. Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba huma infondati;

7.2. Illi jirrespingi l-allegazzjoni li x-xogholijiet ma sarux skont is-sengha u l-arti;

7.3. Illi jirrespingi wkoll l-allegazzjoni li kien tardiv fl-esekuzzjoni tal-istess, *stante* li l-ebda terminu ma kien gie lilhu prefiss meta inghata s-sub-appalt;

7.4. Illi ghalhekk l-allegazzjonijiet in dizamina ghandhom jigu kollha respinti;

7.5. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti;

8.0. Rat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata annessa (ara foll 11), li permezz taghha specifika s-segwenti:

8.1. Illi hu kien sub-appaltatur tas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti;

8.2. Illi l-perit tas-sidien ta' *Domestica Showroom* iccertifika li x-xoghol tal-attur rikonvenzjonat kien skont is-sengha u l-arti u ma kienx tardiv, anzi, li ma kien hemm l-ebda ftehim fir-rigward;

9. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-25 ta' Marzu, 1999, li permezz tieghu hatret lill-espert tekniku hemm indikat biex jirrelata dwar jekk ix-xoghol ta' kostruzzjoni involut sarx skont is-sengha u l-arti, u biex jaghmel kostatazzjoni teknika fuq l-istess, (ara foll 15 u 16);

10. Rat ukoll id-digriet ulterjuri taghha diversament preseduta datat l-20 ta' Mejju, 1999, li permezz tieghu hatret lill-espert legali

hemm indikat biex jassisti lill-perit tekniku riferit fil-paragrafu precedenti, (ara foll 17);

11. Rat ir-relazzjoni peritali kongunta datata s-6 ta' Frar, 2012, (ara foll 138);

12. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat is-26 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` konvenuta u wara li semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, estendiet l-inkarigu tal-perit tekniku u tal-perit legali fuq riferiti biex jisimghu x-xhieda u jirrelataw fuq xi pagamenti allegatament effettwati mis-socjeta` konvenuta lill-attur, (ara foll 347);

13. Rat ir-relazzjoni ulterjuri datata d-9 ta' Gunju, 2015 ipprezentata *in atti* fis-16 ta' Frar, 2016, (ara foll 370);

14. Ezaminat ix-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti;

15. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi skont ir-relazzjoni peritali kongunta l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti;

16.1. Illi s-socjeta` *Domestica Limited* inkarigat lis-socjeta` konvenuta bl-appalt in dizamina konsistenti f'alterazzjonijiet strutturali u bini ta' sular addizzjonali fix-*showroom* taghha fl-Imsida, (ara foll 147);

16.2. Illi sussegwentement is-socjeta` konvenuta inkarigat lill-attur biex, bhala sub-appaltatur, jesegwixxi x-xogholijiet *de quo*, (ara foll 147);

16.3. Illi *stante* li l-attur ma thallasx kompletament ta' xogholu fir-rigward intavola din il-procedura biex jitlob l-ammont lilu dovut mis-socjeta` konvenuta li inkarigatu, flimkien ma l-imghaxijiet legali u spejjez ohra, (ara foll 1 u 148);

16.4. Illi s-socjeta` konvenuta ssosstni sintetikament is-segwenti: (ara foll 148)

16.4.1. Illi x-xoghol ezegwit mill-attur ma kienx skont is-sengha u l-arti;

16.4.2. Illi l-istess xoghol sub-appaltat lilhu ma tlestiex fil-hin pattwit;

16.4.3. Illi ghal dawn ir-ragunijiet allura t-talbiet tal-attur kellhom jigu respinti;

16.5. Illi *di piu`* s-socjeta` konvenuta pprevaliet ruhha minn din il-procedura u intavolat kontro-talba fejn sintetikament titlob illi l-attur jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti d-danni lilha kkagunati minhabba r-ragunijiet indikati fil-paragrafi precedenti, (senjatament dak immarkat 16.4.1. sa 16.4.3. aktar qabel), (ara wkoll foll 148);

16.6. Illi fil-konkluzzjonijiet peritali taghhom l-abbli esperti nominati jikkonkludu li ma giex sufficjentement ipprovat li x-xogholijiet li saru mill-attur ma kienux skont is-sengha u l-arti, (ara foll 156);

16.7. Illi *di piu`*, ikkonkludew ukoll li jirrizulta ampjament assodat li l-perkolazzjoni riskontrata sehhet imhabba fatturi li ghalihom ix-xogholijiet tal-attur huma estranei, (ara foll 156);

16.8. Illi jigi sottolineat ukoll li fil-konkluzzjonijiet tar-relazzjoni ulterjuri li kienet sussegwentement necessitata, gie konkluz is-segwenti: (ara foll 379)

16.8.1. Illi l-prova li l-pagamenti involuti saru mis-socjeta` konvenuta lill-attur specifikatament ghax-xogholijiet in dizamina rigwardanti d-Domestica ma saritx;

16.8.2. Illi lanqas gie ipprovat li s-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti hallset lill-attur rikonvenzjonat l-ammont dovut;

16.8.3. Illi kull ma jirrizulta li sar kien li l-istess socjeta` semplicement esebiet cekkijiet minghajr *"covering letter"* u minghajr ma irrilaxxat id-debiti ricevuti;

16.8.4. Illi ghalhekk, anke f'dan ir-rigward, is-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti, naqset li tipprova li c-cekkijiet *de quo* mhallsa lill-attur rikonvenzjonat, kienu mhallsa ghas-saldu ta' ammont akbar lilhu dovut kif allegat, (ara foll 379);

16.9. Illi fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet teknici rizultanti, l-istess periti relatanti jikkonkludi sintetikament is-segwenti:

16.9.1. Illi l-kwistjoni in dizamina hi naxxenti minn xoghol ta' *membrane* ezegwit mill-attur, (ara foll 151);

16.9.2. Illi wara li kien konkluz l-istess xoghol ta' *membrane* fil-fond *de quo*, irrizulta li dahal l-ilma fl-istess fond, (ara foll 151);

16.9.3. Illi pero` ma tressqu l-ebda provi li l-ilma in kwistjoni dahal rizultat ta' xoghol hazin tal-attur fit-tqeghid tal-*membrane*, (ara foll 151);

16.9.4. Illi minflok jirrizulta li l-ilma *de quo* dahal minn kullimkien, (ara foll 152), u mill-hgieg tal-faccata, (ara foll 152), u f'mument meta l-kostruzzjoni kienet ghada mhux lesta, (ara foll 154);

16.9.5. Illi minflok, il-provi juru li l-*membrane*, kien sodisfacenti u sar skont l-istruzzjonijiet moghtija minn arkitett lill-attur, (ara foll 151);

16.9.6. Illi l-kontrabejt li sar kien sar fuq struzzjonijiet tal-istess arkitett, (ara foll 151);

Ikkunsidrat:

17. Illi fir-rigward tar-relazzjoni li qorti ghandu jkollha mal-konkluzjonijiet peritali ssir referenza ghall-insenjament tal-***Qorti tal-Appell (Inferjuri)***, fis-sentenza taghha fl-simijiet ***Paul Cutajar vs. Bugeja Marbles Limited***, datata l-***10 ta' Jannar, 2007***, fejn gie emfasizzat is-segwenti:

> "... illi l-opinjoni espressa minn perit jew periti nominati mill-qorti hi dejjem parir u ... (il-qorti) mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha ... B'danakollu jissokta jigi pprecizat ukoll illi dawk il-konluzzjonijiet peritali m'ghandhomx jigu facilment skartati jekk fil-kumpless ma jkunux irragonevoli (***Giswarda Bugeja et vs. Emmanuele Muscat et***, ***Appell Civili, 23 ta' Gunju, 1967***), u ma jkunux ingiebu ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika, ***Philip Grima vs. Carmelo Mamo et nomine***, ***Appell, 29 ta' Mejju, 1998***);
>
> "Minn dawn id-decizjonijiet u dawk l-ohra li jittrattaw ukoll fuq il-portata tal-konkluzjonijiet peritali jitnissel li l-perizja hi fonti oggettiva ta' prova inkwantu ghall-accertament ta' sitwazzjoni ta' fatt li ma jkunx rilevabbli hlief bir-rikors ghal konjizzjoni teknika determinata ... Forsi jista' jizdied illi aktar minn mezz ta' prova, l-perizja hi strument ta' valutazzjoni taht il-profil tekniku ta' dawk l-elementi idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tal-gudikant";

18.0. Illi fid-dawl tal-istess insenjament din il-qorti tikkonsidra li ghandha tistrieh fuq il-kostatazzjonijiet u fuq il-konkluzjonijiet tal-esperti *super partes* li gew mahtura f'din il-procedura, u dan:

18.1. Kemm ghaliex m'ghandiex dik il-formazzjoni teknika rikjesta ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza;

18.2. Kemm ghaliex jirrizulta li l-konkluzjonijiet peritali huma kemm perswasivi, konvincenti, kif ukoll legalment sostenibbli; u

18.3. Anke minhabba l-fatt li l-istess konkluzjonijiet ma gewx skossi mill-partijiet;

19. Illi fid-dawl tas-suespost tiddikjara ghalhekk li qed tistrieh fuq l-istess konkluzjonijiet tal-periti relatanti u taghmilhom taghha;

Ikkunsidrat:

20. Illi jigi pero` rilevat li l-istess esperti fuq riferiti naqsu jirrelataw fuq l-allegata tardivita` fl-esekuzzjoni tas-sub-appalt in dizamina;

21. Illi in effetti f'dan ir-rigward l-istess esperti, b'mod ghaqli jirrilevaw is-segwenti: (ara foll 148 paragrafu numru 20)

> "Billi l-hatra tal-esponenti fil-mertu tal-kaz odjern hija limitata dwar il-kwalita` tax-xogholijiet fil-kwistjoni, l-esponenti ser jittrattaw biss dwar dan il-punt u cio`, jekk ix-xogholijiet sarux skont l-arti u s-sengha";

Ikkunsidrat:

22. Illi f'dan ir-rigward, jinghad li minn ezami akkurat u approfondit tal-atti in dizamina, ma jirrizultax li l-attur ma kienx lesta x-xogholijiet lilhu moghtija fil-hin jew li dawn ix-xogholijiet tlestew hafna aktar tard mid-data li setghet giet pattwita;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi fir-rigward tal-estenzjoni tal-inkarigu peritali datat is-26 ta' Frar, 2013, (ara foll 347), jinghad finalment sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi l-inkarigu *de quo* kien gie estiz specifikatament biex jezamina l-allegazzjoni tardiva tas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti li allegat li kienet effettwat xi pagamenti lill-attur rikonvenzjonat ghall-istess xogholijiet sub-appaltati lilhu;

23.2. Illi ghalhekk, *stante* li l-oneru tal-prova hu fuq min jallega – ghandu jkun pacifiku li f'dan il-kaz, din il-prova hi inkombenti fuq is-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti;

23.3. Illi f'dan ir-rigward il-perit relatant ikkonkluda b'dan il-mod:

> "Ghaldaqstant l-esponent jissottometti bir-rispett li s-socjeta` konvenuta naqset li tipprova li l-hlasijiet li saru kienu in konnessjoni max-xoghol li ghamel l-attur ghal progett ta' Domestica u naqset li tipprova li tali *cheques* kienu ghas-saldu tal-pretensjonijiet ta' Cauchi u mhux akkont ta' ammont akbar u dan billi l-attur kien qed jitlob bilanc";

Ikkunsudrat:

24. Illi fir-rigward tar-relazzjoni li qorti ghandu jkollha mal-konkluzjonijiet peritali a skans ta' ripetizzjoni inutili ssir referenza ghal dak riferit aktar qabel fir-rigward u konsegwentement, anke f'dan il-kuntest tal-allegat pagament parzjali in dizamina, tiddikjara li qed tistrieh fuq l-istess konluzjonijiet li l-istess espert peritali relatanti wasal ghalihom u taghmilhom taghha, (ara paragrafu numru sbatax, (17.) sa numru dzatax, (19.), aktar qabel);

25. Illi ghalhekk ma tikkunsidrax li s-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti ipprovat din l-ahhar allegazzjoni taghha fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi in vista tal-premess tqis li l-attur Randolph Cauchi ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta ma irnexxiliex tipprova l-kaz taghha, u konsegwentement:

**DECIDE:**

26.1. Tirrespingi kompletament ir-risposta tas-socjeta` konvenuta ghat-talbiet tal-attur;

26.2. Tirrespingi wkoll it-talbiet kollha tal-istess socjeta` konvenuta, din id-darba, rikonvenzjonanti;

26.3. Takkolji t-talbiet tal-attur kif kontenuti fic-citazzjoni promotrici;

26.4. Takkolji wkoll ir-risposti tal-istess attur rikonvenzjonat kif kontenuta fir-risposta tieghu ghat-talbiet tas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti;

26.5. Tikkundanna ghalhekk lis-socjeta` konvenuta biex thallas lill-attur is-somma ta' Lm8,254.68, ekwivalenti ghal dzatax- il elf, mitejn u tmienja u ghoxrin euro u tlieta u ghoxrin centezmu, (€19,228.23);

26.6. Tikkundanna wkoll lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-imghaxijiet legali minnha dovuti lill-istess attur mill-11 ta' Jannar, 1999, sad-data tal-effettiv pagament;

26.7. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici kontra l-istess socjeta` konvenuta fuq indikata.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**